**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 5 ta' Novembru 2001.**

**Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**Spettur Neville Xuereb**

**Vs**

**Salah Di Ali Agowi**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Salah Di Ali Agowi ta' 28 sena, bin Yeson u Nuara imwieled Benghazi data tat-twelid 18 ta' Gunju 1973 li formalment kien joqghod tas-Sliema izda llum bla indirizz fiss, detentur tal-passaport numru D 929188;

Talli fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Ottubru 2001, ghall-habta ta' 2.00am fil-kumpless ta' San Gorg, gewwa Paceville ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom mobile phone komplut bic-charger, flus kontanti, (327 dollari) arlogg ta' l-idejn u hwejjeg ohra mill-appartament numru 5 fl-istess kumpless liema oggetti jiswew aktar minn mitt lira maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira maltin (Lm1000) u dan ghad-dannu ta' Ratib Hai Al Mezughi u Nagi Said Ali Elandawi u/jew terzi persuni liema serq huwa kkwalifikat mill-mezz, valur, hin u lok.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fl-imsemmija appartament li tammonta ghal mhux aktar minn hamsin lira maltin (Lm50) ghad-dannu tal-management u/jew l-istess sidien.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu zewg strumenti bil-ponta u li jaqtaw minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Wara illi rat l-Artikoli 261 et tal-Kapitolu 9, u l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi imputat hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni u qeghda tikkundannah ghal perjodu ta' tnax-il-xahar (12) prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li ghamel that arrest in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.